QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A., LL.D.

Il-PULIZIJA

(Spettur Johann J. Fenech)

(Spettur Melvyn Camilleri)

vs

Manuel Abela

**Kumpilazzjoni Numru:908/14**

**Illum 17 ta' Gunju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Manuel Abela** detentur tal-karta tal-identità numru 245692M:

U akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Settembru 2014 minn gewwa mahzen fi Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi il-€232.94 izda ma jaccedix l-€2,329.37 ghad-detriment tal-familja Abela miz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

2. Fis-26 ta' Lulju 2014 minn gewwa mahzen fi Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom ma jaccedix il-232.94 ghad-detriment tal-familja Abela miz-Zejtun;

3. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. Fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li hija definittiva u ma tistax tinbidel;

5. Akkuzat aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Settembru 2014 u l-gimghat ta' qabel, ukoll jekk fi zminijiet differenti imma li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas milli josserva xi kondizzjonijiet imposti minn din l-istess Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fid-digriet taghha tal-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna li l-imputat jerga jigi arrestat mill-gdid ai termini ta' Artikolu 579(3).

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil-akkuzat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) fejn fiha nghata l-kunsens sabiex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja.

Rat l-istqarrija tal-imputat fejn ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda mistoqsija lilu;

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat Manuel Abela huwa akkuzat talli dahal u seraq minn mahzen go Triq is-Skaniskalk, Zejtun flimkien ma' persuna ohra fid-data indikata fl-akkuzi u r-refurtiva bieghha lil sid ta' hanut fiz-Zejtun stess.

**XHIEDA**

Xehed <u>PS 639 Jean Mangion</u> li kien night watch dakinhar meta saret is-serqa u jghid illi xi hadd li joqghod fuq l-imhazen ra persuna rqiq bil-beritta jiehu xi kaxxi.

Xehed ukoll <u>Daniel Abela</u> li jghid illi kien jaf lil Manuel Abela l-imputat u li jghid illi kien ghamel rapport il-pulizija peress li kienu nsterqulu xi affarijiet mix-xoghol. Huwa jsemmi illi lill-imputat tah diversi okkazjonijiet fejn jirriforma ruhu u din ma kinitx l-ewwel darba li qabdu jisraq. Huwa jghid illi dakinhar tal-allegat reat bil-lejl cempillu missieru li kienu nseterqu l-imhazen taghhom u meta mar biex jara l-filmat fuq il-post huwa ra lill-imputat jisraq minn zewg imhazen.Jghid ukoll illi mal-imputat kien hemm xi haddiehor li kien jaf min hu u meta mar jikkonfrontah ammetta l-fatt. Huwa jghid li gab ir-rifurtiva lura li din kienet tammonta ghal detergent, pellet wipes, u xi tmienja u ghoxrin (28) powder. Huwa jghid illi l-powder kien jiswa' ghoxrin ewro (€20)-il wiehed u nsterqu tmienja u ghoxrin u wipes fejn kellek kaxxa li tesa' tletin (30) pakkett u kien hemm erbghin (40) kaxxa jinbieghu ghal zewg ewro (€2) kull wiehed. Jghid illi l-imhazen jinsabu fi Triq Siniskalk u fi Triq l-Isqof Emanuel Galea.

Hu jkompli jghid illi meta ra l-filmat kien jidher car illi l-imputat jaqbad il-kaxxi u jwaddabhom gol-ghalqa u kien hemm l-iehor gol-ghalqa jgorrhom ghal gol-karrozza. Dan is-CD gie pprezentat (Dok. MC2 u Dok. MC3). Illi wkoll fil-mahzen ta' Triq l-Isqof Emanuel Galea jidher jaqbez ix-xatba u jnewwel l-Arial lill-iehor u jghabbuh go Maruti armat bil-karru.

Xehed missier ix-xhud precedenti **Angelo Abela** li kkonferma dak li kien qal ibnu qablu u jghid ukoll illi l-imputat kien precedentement jinqabad jisraq minghandhom u kienu hafrulu izda issa kien wisq. Huwa jghid illi kien jaf illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga fil-passat izda ma jafx jekk kienx ghadu bih.

Jghid ukoll illi l-imputat kien suppost joqghod mieghu izda dan qatt ma raqad f'din id-dar. Ix-xhud jghid illi kien hallaslu l-plegg u suppost kellu joqghod f'din id-dar izda fix-xhieda tieghu x-xhud qatt ma semma' fejn kien dan l-indirizz.

Rat illi wara li l-prosekuzzjoni ghalqu bil-provi l-imputat naqas milli jikkuntattja l-avukat tieghu sabiex jaghmel id-difiza tieghu, sahansitra wara li din il-Qorti ghalqet il-provi tieghu l-anqas biss

saret nota ta' sottomissjoni minkejja l-fatt illi nghata diversi drabi sabiex jaghmel dan.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-unika prova illi l-prosekuzzjoni ghandhom kontra l-imputat hija x-xhieda pajzana li nsterqu u prova ohra li huma l-filmati esebiti u li gew ikkonfermati minn dawn il-persuni.

Illi ghalkemm ghal dawn il-filmati ma giex imqabbad l-ebda espert biex johrog xi stills din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tara b'ghajnejha dawn il-filmati u juru b'mod car dak li kienu spjegaw ix-xhieda u cioè s-serqiet tas-26/07/2014 u l-lejl ta' bejn it-22/09/2014 u t-23/09/2014 fejn jidher l-imputat jisraq il-prodotti deskritti mix-xhieda. Illi nghad ukoll illi r-refurtiva haduha lura stante li kienu jafu lill-imputat.

Illi ghalkemm il-kaz tal-prosekuzzjoni kellu jkun aktar dettaljat b'mod partikolari ghar-raba' (4) u ghall-hames (5) akkuzi li ma ngabet l-ebda prova a rigward dawn l-akkuzi jidher illi almenu ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kienu mghejjuna mix-xhieda

dettaljata tal-parte civile u mill-filmati hemm prodotti. Illi t-tielet (3) akkuzi hija alternattiva ghall-ewwel zewg akkuzi u ghalhekk l-anqas f'din l-akkuza ma tistax issib htija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 263(a), 267, 270, 278(3), 279(a), 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Manuel Abela hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

_____________________________________________

**FT./DR CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A., LL.D.**
**MAGISTRAT**

**BENJAMINA MIFSUD**
**DEPUTAT REGISTRATUR**